# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**46/18**

**Minuti tal-erbgħa u sittin (46) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru, 2012 fil- 5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier (daħal fis-6.05 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (ma avżax) |

***Aġenda:***

1 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat: 39/18 (7.11.2012)
*2* Punti mqajma mill-minuti
*3* *Schedule of Payment*
4 Kommunikazzjoni mis-Sindku
5 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsillieri
6 Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew b'talba.

***2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa: 39/18 (7.11.2012)***

2.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-minuti minn 40/18 sa 45/18 peress li tnejn minnhom kienu ddikjarati nulli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.1.1 Il-laqgħa numru 40 kienet il-laqgħa li nżammet it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012 u li spiċċat bla kworum.

2.1.2 Il-laqgħa numru 41 kienet il-laqgħa li nżammet nhar il-Erbgħa 28 ta' Novembru 2012, li spiċċat bla kworum, u li kienet iddikjarata nulla.

2.1.3 Il-laqgħa numru 42 kienet it-tielet laqgħa li spiċċat bla kworum u li nżammet il-Gimgha 30 ta' Novembru 2012 u, li kienet iddikjarata nulla.

2.1.4 Il-laqgha numru 43, li qabel kienet ingħatat in-numru 41, nżammet il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2012.

2.1.5 Il-laqgħa numru 44, li kellha issir minflok il-laqgħa 43, it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2012 ma nżammitx peress li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex direzzjoni mid-Dipartment tal-Gvern Lokali dwar ir-rapport lis-Sindku kien għamel kontra l-Kunsillier Stephen Sultana.

2.1.6 Il-laqgħa numru 45, kienet il-laqgha li saret it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2012.

### *2.2 Korezzjoni tal-Minuti 39*

2.2.1 Punt 4.1.3 Is-Sur Sultana qal li huwa mhux vera vvota kontra. Is-Sindku qara l-minuta 4.1.3. Saret diskussjoni fuq il-minuta. Is-Sindku spjega li Kunsillier jista' jivvota favur, jivvota kontra jew jastjeni. Iżda s-Sur Sultana baqa' jisħaq li ma vvutax.

Il-korrezzjoni: Is-Sur Sultana qal li huwa ma vvotax u s-Sindku sostna li kienet astensjoni.

2.2.2 Ma kienx hemm izjed korrezzjonijiet.

### *2.3 Punti mressqa mill-minuti*

2.3.1 Punt 2.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv: Is-Sindku spjega li minħabba li l-Kunsillier Edwin Formosa wiegħed li kien ser jattendi u jkun parti mill-Bord għall-Ħatra tal-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv u, li għad li kien nfurmat bit-telefown, bil-*fax* u b'ittri oħra mingħand is-Segretarju tal-Bord, is-Sur Simon Cauchi u l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill u, wara li wiegħed lill-istess Sindku li kien ser jattendi, huwa għażel li ma jattendiex. Wara lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bagħat biex is-Sur Cauchi jinforma lill-Kunsillier Formosa biex jgħid jekk kienx ser jiffirma l-karti relatati jonkella jirrimarka l-għala ma kienx ser jiffirma, wara li kien infurmat kemm verbalment kif ukoll l-istess Segretarju mar id-dar tal-istess Kunsillier Formosa u mpustalu l-ittri msemmija, l-Kunsillier Formosa baqa' ma ta l-ebda tweġiba. Is-Sindku qal li huwa jiddispjaċih li kellu jgħid li din ma kienetx responsabbilta' ta' Kunsillier elett mill-Poplu. Is-Sur Anastasi kompla li minħabba li l-istess Kunsillier kien irresponsabbli, l-Kunsill ried jerġa' jibda il-proċess mill-ġdid u b'hekk kien ser ikun hemm ħela ta' enerġija, ħela ta' finanzi u kedda għal min irid jerġa' jaħdem dan il-proċess. Is-Sur Sultana qal li mhux sew li qieghed jitkellem fuq il-Kunsillier Formosa meta dan ma kienx preżenti. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsillier is-Sur Formosa suppost kien preżenti u li l-Kunsillier Sultana jafu biżżejjed li xorta kien jirrimarka dak li kien qed jirrimarka għax kienet kollha verita'. Is-Sur Sultana staqsa jekk hux minhabba f'hekk biss, kien se jerga jibda l-proċess u staqsa għall-korrispondenza u li suppost la talab il-korrispondenza, iċ-ċermen ~~reid~~ ried jippreżentaha f'dak il-hin.

2.3.2 Is-Sur Horace J Anastasi wieġeb fl-affermattiv li minħabba f'hekk biss kellu jerġa' jibda l-proċess. Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Sultana li kien fid-dmir li jattendi l-Kunsill u jistaqsi biex jaqra l-korrispondenzi iżda, dan jibqa' ma jiġix jarahom. Is-Sindku qal lill-ASE biex tibgħat ir-risposta tad-Direttur rigward il-Bord tal-Għażla jew tagħti kopja dak il-hin jew

tibgħat l-kopja b'mod elettroniku peress lis-Sur Sultana qal li kien se jitlaq għax qal li għandu affarijiet oħra x'jagħmel.

2.3.3 Is-Sur Sultana telaq mill-laqgħa fis-5.50 ta' filgħaxija.

2.3.4 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi qal li kif kienu fuq dan is-suġġett tal-Ħatra tas-Segretarju, huwa qal lis-Sur Simon Cauchi kien informa lis-Sindku biex jara min kienu se jkunu l-membri tal-Bord tal-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv u li jkunu jistgħu jattendu. Saret diskussjoni biex jintgħażlu l-membri ta' fuq dan il-Bord. Il-Kunsillier is-Sur Cleaven C. Bugeja qal li huwa kien ser ikun imsiefer u ma setax jattendi. Il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa u s-Sinj Mariella Micallef aċċettaw li jkunu fuq il-bord u s-Sindku kien se jkun iċ-Ċermen tal-Bord.

2.3.5 Punt 4.1 L-Ark : Is-Sindku staqsa lis-Sur Briffa jekk ridx iżid xi ħaġa fuq il-laqgħat li qed jinżammu mill-Konsorzju dwar l-Ark ta' Wignacourt. Is-Sur Briffa ma kellu xejn x'iżid peress li stqarr li kienu qed jistennew xi deċiżjoni minn xi awtorita'. Is-Sur Anastasi rrimarka li għad lis-Sur Charles Camilleri ma kienx preżenti fakkar li jekk ma jkux jista' jattendi għal-laqgħat tal-Konsorzju floku, għandha tattendi l-ASE. Is-Sur Camilleri irid jinforma lill-ASE fi żmien 48 siegħa dwar x'ikun qed ikun diskuss waqt il-laqgħat ħalli jekk jkun hemm xi urġenza l-Kunsill ikun jista' jaġixxi minnufih. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Camilleri jrid jippreżenta rapport ta' kull laqgħa. L-istess għall-ASE jekk tattendi hi.

2.3.6 Punt 4.1.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti lis-Sur Sultana qal li ma kienx jaf fuq il-*hearing* tal-MEPA. Is-Sindku qal li ~~am~~ ma kenitx verita' għax kienet intbgħatet ittre lill-Kunsillieri kollha fuq meta sar il-hearing tal-MEPA dwar l-oġġezzjoni tal-~~Ka'~~ Każ tal-Proposta ta' Fleur de Lys Gate, B'kara u ma kienx vera lis-Sur Sultana ma kienx jaf il-ġurnata tal-*hearing* ta' dan il-każ.

2.3.7 Punt 4.2 Il-Ġieħ: Is-Sindku qal lin-nomina tal-Ġieħ kienet bejn Patri Robert Farrugia u Chev Mario Coleiro u l-Ġieħ ingħata lill-Patri Farrugia O Carm.

2.3.8 Punt 4.3 Misraħ Santa Venera: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li peress li l-laqgħa fejn ġie diskuss it-Tender għall-Misraħ Santa Venera kienet ġiet nulla, kellu jerġa' jressaq il-proposta biex jagħmlu l-avviż tat-Tender biex isir it-Tisbiħ ta' Misraħ Santa Venera. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi ħadd li ried joġġezzjona u ħadd ma oġġezzjona. L-ASE għandha tipprepara l-avviż għat-Tisbiħ ta' Misraħ Santa Venera. Is-Sindku informa l-Kunsillieri li l-*UIF funds* huma ta' 140,000 ewro u l-ispiża għal Misraħ Santa Venera kienet ser tkun 142,000 ewro barra l-ispejjeż tal-madum u l-Bord tal-UIF ried konfermazzjoni li l-Kunsill Lokali lest li jħallas id-differenza ta' 2000 ewro. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-Kunsill joħroġ id-differenza ta' 2000 ewro.

2.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li sar xi tiżjin tal-Milied f'Misrah Santa Venera u ntefqu ħafna flus fid-dawl. Peress li dan ix-xogħol kellu jsir malajr minħabba l-festi, kellhom iqabbdu d-dawl ma residenza privata. Is-Sindku talab jekk il-Kunsill jistax jgħin billi jħallas id-dawl li nħela biex xegħlu dan id-dawl. Saret diskussjoni fuq x'jista' jsir. Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li jekk jirċievu ricevuta, l-kunsillieri jaċċettaw li jagħtu 100 euro tad-dawl u x-xiri taż-tiżjin li nxtara. Is-Sur Bugeja staqsa kif seta' jitkejjel id-dawl u s-Sur Briffa qabel li l-flus jkunu marbutin ma' riċevuta. Is-Sur Camilleri qal li huwa kontra li tnaqqsu l-parking spaces u s-Sindku kkonferma li s-Sur Camilleri kien tniżżel fil-minuti li kien oġġezzjona. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk jaqblux ma li qal il-Viċi

Sindku li jekk din il-persuna ġġib ir-riċevuta tat-tiżjin li nxtara l-Kunsill iħallas 100 euro bħala servizz lill-Kunsill Lokali.

2.3.10 Punt 5.4.3 Is-Sindku staqsa l-ASE fuq id-Devoluzzjoni tal-art biswit il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.. L-ASE infurmat l-Kunsillieri li hija kienet qed tistenna li l-Kunsill jinfurmaha kemm ser tkun l-istima tan-nefqa. Meta applikat għad-devoluzzjoni tar-roundabout, ma kellhiex għalfejn titfa stima ta' nfieq fl-applikazzjoni. Is-Sindku qal li huma f'dan l-istadju ma jistgħux jagħmlu stima ta' kemm ser jiġi jiswa' l-proġett u meta l-Kunsill ikollu xi ħaġa f'idu jridu ~~jagħddu~~ jgħaddu mill-proċeduri stabbiliti tad-Dipartiment u imbagħad iridu jsselfu l-flus u wieħed irid jara jekk jingħatax *loan* mill-bank.

2.3.11 Punt 5.4.4 Is-Sur Camilleri staqsa jekk kienetx bi żvista li eks kunsillieri ġew mistiedna bla partner. Is-Sindku qal li mhux bi żvista iżda skont kif diġa' kien mifthiem u skont il-but tal-Kunsill. Saret diskussjoni fuq min kien mistieden bil-*partner* u għalfejn oħrajn le. Is-Sindku spjega li l-inviti li ntbagħatu lill-Kazini tal-għaqdiet politiċi u għaqdiet mhux politiċi eċċ kienu mistiedna biss il-Presidenti. Is-Sindku qal li l-punt tas-Sur Camilleri ttiehed u qallu ukoll li huwa kien infurmah minn qabel kif kienu ser jiġu mistiedna u li huwa m'għamel xejn bil-ħabi.

2.3.12 Punt 5.4.7 Is-Sindku qal li ma jistax jkun li jħallsu lill-Kumitat Konġunt tad-Dawl meta m'humiex moqdijin u baqgħu mhux moqdija. Is-Sindku fiehem lill-Kunsillieri kemm ilhom jirrapportaw, u kemm-il ilment jircievi l-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa kien ta struzzjonijiet, li Koordinatur John O'Dea li qiegħed bejn il-Perit u l-Micamed, li skont is-Sindku jidhirlu li qed jeħodhom għalxejn. Is-Sindku staqsa jekk jaqblux miegħu li dan ma jitħallasx aktar u kulħadd qabel. Is-Sindku nfurmahom li huwa kien diġa kiteb lid-Dipartiment u s-Sindku qal li huwa tkellem ċar waqt il-laqgħa plenarja quddiem is-Sindki u qalilhom kemm il-kunsill mhuwiex moqdi u li kien se jkellem lill-Kunsill biex jissekondawh. Is-Sindku u l-Kunsillieri qablu li John O'Dea ma jitħallasx iżjed mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku qal huwa bhalha Sindku qatt ma iffirma xi kuntratt. Il-kuntratt huwa tterminat u s-Sindku baghat email li fil-korrespondenza tal-Kunsill ma jkunx ikkuppjat John O'Dea. Is-Sindku talab liċ-Ċermen u s-Sindki tal-Kunsilli Lokali l-oħra tar-Reġjun taċ-Ċentru biex jimxu id f'id miegħu. Is-Sindku qal li huma qed jagħmlu r-rapporti imma l-bozoz mhux qed jiġu msewwija u qisu l-Kunsill mhu qed jagħmel xejn. Ir-residenti jridu l-bozza mixgħula. Is-Sindku stqarr li kieku jista' (wara li l-Kunsill jieħu parir) għandu joħroġ tender, u jkun hemm kuntratt ġdid. B'hekk il-Kunsill ikun ferm aħjar u, żied li l-bozoz riedu jissewwew fi żmien jumejn u mhux f'ħamest ijiem.

2.3.13 Is-Sur Briffa ħareġ mill-kamra fis-6.37.

2.3.14 Is-Sur Camilleri semma l-problema tat-Triq Carini. Is-Sur Camilleri staqsa jekk kienux mgħarrfa l-pulizija.

2.3.15 Is-Sur Cleaven Bugeja telaq fis-6.40. Għaldaqstant, il-Kunsill spiċċa bla kworum x'ħin telaq is-Sur Bugeja iżda, għas-6.55 l-Viċi Sindku rritorna u l-Laqgħa tkompliet.

2.3.16 Wara diskussjoni s-Sindku qal li fejn ikun hemm karozza mitluqa il-Kunsill kien se jitlob lill-Pulizija biex iwaħħlu l-karta s-safra mal-vetturi abbandunati, titħalla tmint ijiem,

jibgħatulna ittre li nistgħu nneħħuha u nneħħuha. Jekk is-sid ma jirregolax ruħu jew jneħħija tiġi towed.

2.3.17 Punt 5.4.9 CCTV. Is-Sindku qal li twaħħlu 2 *CCTV cameras* fil-ġnien u talab l-ASE biex tagħti rendikont. L-ASE infurmat lill-Kunsillieri li nxtara u twaħħal l-*cable* biex ikunu jistgħu jqabbdu d-DVR mal-*cable* u, permess tal-internet u l-WIFI li hemm fil-ġnien, is-*CCTV cameras* jkunu jistgħu jittrasmettu fuq il-PC tas-Sindku jew tal-ASE fl-uffiċċju. Is-Sur Camilleri staqsa jekk ser jitwaħħlux it-tabelli tal-*cameras* meta ma jkunx hemm cameras. Is-Sur Camilleri qal li qabel kienu ftehmu li dawn iservu bħala deterrent. Is-Sindku nforma l-Kunsillieri li *cameras* hemm fil-ġnien u allura ser jsiru it-tabelli biex jindikaw li hemm is-CCTV. Is-Sur Camilleri staqsa jekk is-CCTV li hemm fil-Ġnien Ġuże' Flores taħdimx. Is-Sindku u l-ASE infurmawh lis-CCTV kienet qed taħdem u, li kien hemm id-DVR mixgħul u jirrekordja xi jkun qed jiġri fil-ġnien.

2.3.18 Il-minuti 39/18 ġew approvati *nem con*.

**2.4 *Schedule of Payment***

2.4.1 Is-Sindku ppreżenta ix-*Schedule of Payments* 284, 285 u 286. Is-Sindku spjega li saru *Schedules* oħra peress li kien hemm iżjed kontijiet x'jitħallsu nkluż il-kont tal-Ikla tal-Milied li saret il-ġurnata ta' qabel. Dawn ġew approvati mill-Kunsillieri preżenti.

**2.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku:**

2.5.1 U-bars: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li rċevejna żewġ proposti mis-Sur Naudi u mill-Logografix fejn offrewlna l-flus biex jibdew jwaħħlulna u-bars fil-Konfini ta' Santa Venera u jieħdu ħsieb ir-riklami huma u, jwaħħlu kollox spejjeż tagħhom u imbagħad jagħtuna ammont ta' flus għal kull *u-bar* li titwaħħal. Is-Sur Naudi offra lill-Kunsill €116 ta' kull U-bar u l-Logografix (Santa Venera) offrew €120. Il-Kunsill iddeċieda li jmorru ghall-offerta tal-Logografix u s-Sindku nforma l-ASE biex kull min irid jagħmel riklam jew u-bar għandu jiġi mgħoddi lill-Logografix. L-ASE għandha tinforma lis-Sur Naudi li l-Kunsill għażel lil xi ħaddieħor.

2.5.2 Konferenza Eden : Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li għall-Konferenza Eden għall-ġurnata fi Brussel ma marx is-sindku u bagħat lill-ASE peress li l-Kunsill ġie *runner up*. L-ispejjeż kienu kollha mħallsa mill-organizzaturi. L-ASE infurmat lill-Kunsill li hija ffirmat *agreement* ma' parteċipanti oħra. L-ASE għandha tipprepara rapport fuq din il-Konferenza. Is-Sindku u l-ASE spjegaw li Santa Venera għandha potenzjal qawwi u għandha x'toffri; postijiet u attrazzjonijiet bħal Ġnien Casa Leoni (inkluż Romeo Romano), in-niċeċ, il-Knisja l-Qadima u l-Parroċċa, l-Akwidott, eċċ. Dan il-proġett qiegħed isir biex lit-turist noffrulu postijiet li mhumiex frekwentati imma xorta waħda huma ta' attrazzjoni kbira.

2.5.3 Triq l-Msida : Is-Sindku nforma lill-ASE sabiex terġa' tikteb lill-Bord tat-toroq fuq l-isem tat-Triq *New Street in Msida Road* peress li kellha tissemma Triq il-Madonna tal-Karmnu peress li nfurmaw il-kunsill li l-isem ġie aċċettat imma ma rċevejna xejn iżjed. Is-Sinj Micallef semmiet il-bieb li jinsab fi Triq Msida u s-Sur Camilleri staqsa x'sinnifikat kellu dan il-bieb. Is-Sindku qal li dan kien bieb ta' razzett ta' epoka antika hafna. Kienu waqqgħu kollox u ħallew il-bieb u li x'aktarx kien parti mill-ġnien.

2.5.4 Triq il-Lunzjata : Is-Sindku nforma l-Kunsill li Triq il-Lunzjata ser tibda fis-7 ta' Jannar 2013.

2.5.5 Taljani jgħinu fl-amministrazzjoni tal-Kunsill: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li fis-Sajf, bl-għajnuna tal-Viċi Sindku, il-Kunsill ospita 3 studenti Taljani. Skont l-arranġamenti li għamel is-Sur Briffa, il-Kunsill għandu jirċievi xi ħlas talli ospitanihom.

2.5.6 Attendenza ta' Kunsillier: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri prezenti li is-Sur Charles Camilleri għandu jitniżżel bħala skużat u assenti fil-laqgħa 22/18 tal-11 ta' Ġunju 2012 mhux bħala assenti peress li kien informa lill-ASE li kien ser jasal tard imma ma kienx ċert jekk jilħaqx jattendi. Il-Kunsillieri qablu ma dan. L-ASE għandha tinforma lill-Accountant.

2.6.7 Philarmonic Orchestra: Il-Kunsill Lokali rċieva *invite* sabiex il-Philharmonic Orchestra ta' Malta tagħmel kunċert f'Santa Venera. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-kunċert jinżamm fil-Parroċċa u l-Kappillan Fr Joe Saliba aċċetta. Imma meta l-ASE irċeviet il-kuntratt kien hemm miktub lit-trasport tal-istrumenti ried jitħallas mill-Kunsill ser jammonta €400. Hawnhekk il-Kunsillieri ma qablux li jitħallsu dawn il-flus jekk mhux jitħallsu minn xi sponsor. L-ASE kellha tara jekk tistax tħassar l-arranġamenti li kienu diġa' saru.

2.6.8 *Bacteria* fil-*kitchenette* tal-Kunsill : Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li waqt spezzjoni ta' rutina mid-Dipartment tas-Sanita' ittieħdu kampjuni tal-ilma mill-vit tal-*kitchenette* u dan irriżulta li kellu ammont kbir ta' *bacteria*. L-ASE ħadet ħsieb li jitnaddaf kemm it-tank u nxtara għatu ġdid peress lit-tank nstab mikxuf u nxtraw *tablets* tal-*Chlorine* sabiex joqtol il-*bacteria*.

2.6.9 Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri jekk għandhomx japprovaw li l-Kunsill taż-Żgħażagħ jerġax jiffunzjona. Il-Kunsillieri qablu ma' dan. L-ASE infurmat lill-Kunsillieri li l-Kunsill taż-Żgħażagħ kien applika għal xi fondi tal-UE u dawn intgħażlu. Is-Sindku talab liż-żgħażagħ jagħmlu rapport wara li jkunu lestew dan il-proġett.

2.6.10 Estensjoni tal-leave: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kemm l-ASE kif ukoll l-uffiċjal eżekuttiv u l-iskrivana ma rnexxielhomx jieħdu l-leave kollu u allura kellhom bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex japplikaw biex jestendu l-*leave* tagħhom tas-2012 għas-sena 2013. Is-Sinj Louise Gusman għandha tieħu 72 siegħa, s-Sur Carmel Busuttil 46 siegħa, u s-Sinj Juliana Attard 26 siegħa. Il-Kunsillieri approvaw l-estensjoni ta' dan il-*leave nem con*. L-ASE għandha tinforma d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħalli jkollhom l-approvazzjoni tad-direttur.

2.6.11 Increments tal-ASE u l-Iskrivana: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri sabiex japprovaw l-*increment* li jmiss tal-ASE li għalqet sena taħdem fil-Kunsill mid-19 ta' Diċembru 2012 u sabiex japprova l-*increment* għall-iskrivana li tagħlaq sena fit-23 ta' Jannar 2013. Il-Kunsillieri approvaw l-*increments nem con*.

2.6.12 Kont tad-dawl tal-Ġnien <u>Beatu</u> Dun Gorg Preca: Is-Sindku informa l-Kunsillieri li l-Kunsill irċieva ittre dwar il-kont tad-dawl tal-Ġnien <u>Beatu</u> Dun Gorg Preca ta' €2771.53 għall-perjodu bejn 21 ta' Settembru 2011 u l-10 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku qal li dan id-dawl qatt ma tħallas mill-Kunsill Lokali u li huma qatt ma rċievu kont fuq dan il-Ġnien. M'aħniex *consumers* u li aħna mhux ser nħallsu dak li mhuwiex tagħna. Is-Sindku nforma l-ASE biex tikteb lura li dan il-kont mhux ser jitħallas mill-Kunsill Lokali.

2.6.13 Is-Sindku xtaq jipproponi li l-isem tal-Ġnien Beatu Dun Ġorġ Preca għalissa, jibqa' hekk u l-Ġnien Ġuże' Flores jissejjaħ Ġnien San Ġorġ Preca. Huwa spjega s-sinnifikat u l-istorja ta' ~~Dun~~ San Ġorġ Preca li miet fil-fond ~~quddiem~~ ftit aktar l-isfel mill-istess ġnien ~~u~~ ta' Ġuże' Flores fi Triq il-Paroċċa. Il-Kunsillieri preżenti approvaw il-bdil tal-ismijiet *nem con.* L-ASE għandha tikteb lid-Dipartiment.

2.6.14 President's Fun Run 2012: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kemm hu kif ukoll l-ASE attendew għal-laqghat li saru qabel il-President's Fun Run. Żied jgħid li pparteċipajna bi ħġarna. Huwa spjega li l-Kunsill ta' Santa Venera offra l-Latrina pubblika u L-Bini tal-Kunsill---inkluż t-Toilets. Żied jgħid li fil-leaflets sar żball u huwa informa lill-Maġġur Mark Mallia peress li ssemmiet Fleur de Lys biss u li Santa Venera ma ssemmiet imkien u li r-roundabout tinsab f'Santa Venera u mhux ġo Fleur de Lys. Il-Maġġur wiegħed li darb'ohra ma jsirx dan l-iżball.

2.6.15 Day Centre: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li ċ-ċens tad-Day Centre se jagħlaq f'Jannar 2013. Żied jghid li huwa kien kiteb lid-Dipartiment u lid-Direttur għall-approvazzjoni tal-estensjoni tal-Kuntratt. Is-Sur Joseph Muscat talab li l-kuntratt isir għal sentejn. Is-Sur Camilleri staqsa għalfejn huwa m'għandux dritt jidħol fid-Day Centre u, ma kienx qed jitkellem għalih biss. Is-Sindku wieġeb li hemm direttiva mid-Dipartiment tal-Anzjani dwar dan u s-Sinj Micallef ikkonfermat dan. Is-Sinj Micallef talbet biex il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment biex forsi jikkonsidra jgħin u jagħti parti mill-ispejjeż. Is-Sindku qal li s-Sur Muscat talab żieda ta' € 2.33. Is-Sindku qal li bħala xhieda għall-Kuntratt se jkun hemm is-Sinj Mariella Micallef, huwa bhala s-Sindku u s-Sinj Louise Gusman. Il-Viċi Sindku qabel ma dan. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kuntratt se jiġi ffirmat mas-Sur Muscat nhar it-Tnejn 31 ta' Diċembru fit 8.30 ta' filgħodu.

2.6.16 Greenpak/Green MT: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill mhuwiex moqdi sew bil-Greenpak u l-kuntratt ser jagħlaq fl-ahhar tas-sena 2012. Huwa qal li il-Greenpak qabdu u ġabu l-boroż biex jitqassmu mingħajr ma għarraf lill-Kunsill jew lill-ASE. Is-Sindku bagħat kollox lura għax ma aċċettax li l-Iskrivani joqgħodu jqassmu l-boroż kollha huma. Il-ftehim kien li tal-GreenPAK iqassmuhom fid-djar u dawk il-ftit li ma jitqassmux jitqassmu mill-Iskrivani tal-Kunsill. Is-Sindku qal li avvicinawh mill-Green MT sabiex nagħmlu kuntratt magħhom għal sena. Is-Sur Camilleri staqsa għalfejn sena jekk forsi joffru servizz aħjar u nagħmlu kunratt iżjed fit-tul. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li jsir izjed minn ħmistax-il xahar. Is-Sinj Micallef staqsiet jekk meta jmorru jagħtu l-boroż u ma jsibu lill-ħadd id-dar, x'jiġri. Is-Sindku qal li jiġu jeħduhom mill-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jiltaqgħu mal-Green MT u jaraw x'jistgħu joffru. Il-Kunsillieri preżenti qablu li jiltaqgħu mal-Green MT.

2.6.17 Tappieri tal-Arbli: Is-Sindku nforma l-Kunsillieri li saru xi tappieri għall-arbli u li rċievu biex il-Kunsill iħallas għal 10 minn dawn li jammontaw għal ftit aktar minn €191. Żied jgħid li tat-Triq Msida kellu jagħmilhom l-Kuntrattur imma ma laħaqx. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn 10 għal Triq il-Kbira San Guzepp u 3 fi Triq l-Msida. Is-Sindku staqsa jekk jħallsux għal kollox. Is-Sur Camilleri u s-Sinj Micallef qablu li jitħallsu kollha.

2.6.18 Emblema ta' Santa Venera: Is-Sindku qal li kienu tkellmu fuq l-emblema u li l-Kunsill kien qabel li l-emblema tinbidel. Il-Viċi Sindku spjega li fuq l-emblema hemm 3 fjurdilis u li m'għandhomx x'jaqsmu ma' Santa Venera. Is-Sur Horace J Anastasi spjega li rriżultalu li l-istorja tal-Qaddisa Verġni u Martri Santa Venera hija l-aktar parti antika fl-istorja tal-lokal ta' Santa Venera. Spjega fuq il-kuluri isfar u ikħal ta' Santa Venera. Is-Sindku sostna li hemm l-akwidott tal-Granmastru Alof de Wignacourt, hemm '1 erba' ljuni

tal-Granmastru Manoel Antonio de Vilhena.  L-ASE staqsiet jekk Santa Venera kellhiex emblema jew x'kien il-kunjom tagħha.  Is-Sindku qal li l-emblema ta' Santa Venera kienet il-kuruna bil-ponot, is-salib, il-vanġelu, l-ġilju, r-rand u l-palm. Is-Sur Briffa ssuġġerixxa li jgħamlu kompetizzjoni biex in-nies jagħtu l-veduti tagħhom.  Is-Sindku qal li din kienet saret fi żmenijiet oħra u ra ħafna disinji. Is-Sur Anastasi rrakkomanda li jintbgħatu flyers fil-ħwienet prinċipali ta' Santa Venera u jagħtu ċans sat-28 ta' Jannar, 2013, biex jintbgħatu l-ideat/disinji u waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-28 stess jiddeċiedu liema emblema għandha tkun. Saret diskussjoni fuq x'kien sar qabel u x'jista' jsir issa.  Kulħadd qabel.

2.6.19 Sound Deflectors: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li huwa talab lit-TM biex isiru sound deflectors biex l-istorbju li hemm fi Triq Regjonali u Misrah il-Barrieri jitnaqqas.  Is-Sur Camilleri staqsa x'kienet il-problema biex jissaqqaf u ssuġġerixxa li jitolbu ghall-fondi tal-UE.  Is-Sindku qal li fl-2010 kien ressaqha Kunsill biex nibgħatu lill-MEPA dwar it-tniġġiż tal-istorbju fi Triq reġjunali u l-akwata.  Imbagħad is-Sindku tkellem ma' xi awtoritajiet u qatgħulu qalbu li l-mini setgħu jissaqqfu għalissa. Is-Sur Anastasi qal li reġa' tkellem u talab lit-TM biex iwaħħlu s-Sound deflectors/Noise Breakers. Is-Sindku qal li s-Sound deflectors ser isiru mit-TM u li l-Kunsill mhu se jonfoq xejn.  Is-Sindku qal li jekk jaqblu ma dan huwa jkun jista' jinforma lit-TM biex johorgu t-Tender.  Il-Kunsillieri approvaw is-Sound deflectors nem con.

2.6.20 Bord tal-Għażla għall-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Bord tal-Għażla ser jiltaqgha t-Tnejn 14 ta' Jannar 2013.

2.7 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsillieri: Il-Kunsillieri ma ressqu xejn fuq il-mejda.

2.8 Aġġornament:  Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 28 ta' Jannar fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Illum, 7 ta' Frar 2013